MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 589/2009

**Alexandra Palace Limited**

**vs**

**Eurotravel S.R.L.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici topera lukanda bl-isem ta’ Alexandra Hotel;

Illi s-socjeta` konvenuta estera topera bhala agenzija tal-ivjaggar gewwa Milan u fil-fatt dina kienet tibghat numru

ta’ turisti li jigu Malta gewwa l-lukanda tas-socjeta` attrici u dana skond ftehim bejn il-partijiet, dokument JM1;

Illi l-ammont kumplessiv tas-servizzi li gew rezi mill-attrici u li jinkludu akkommodazzjoni fil-lukanda tal-attrici jammonta ghal dsatax-il elf disa’ mija u erbgha u tmenin Ewro (€19,984) hekk kif muri mid-dokument JM2;

Illi minn din is-somma s-socjeta` konvenuta estera m’ghamlet l-ebda hlas u dana avolja giet interpellata diversi drabi ghal dan il-ghan;

Illi s-socjeta` konvenuta estera m’ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b’hekk jezistu c-cirkostanzi ikkontemplati fl-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ghal dak li jirrigwardja t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas ai termini ta’ l-artikolu 167 hawn fuq citat.

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici kellha tressaq din il-kawza.

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
2. Tordna lis-socjeta` konvenuta estera thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ dsatax il-elf disa’ mija u erbgha u tmenin Ewro (€19, 984).

Bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi mid-data ta’ meta dawn l-ammonti gew dovuti sad-data ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------